MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 13(2009), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta, il-15 ta' Diċembru 2009, fil-5.30 p.m.

1. **Preżenti** :

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana |
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |
| **Segretarju Eżekuttiv** | John Restall |

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Attivitajiet għall-Milied
6. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
7. Affarjiet Oħra

**2. Qari tal-Minuti**

**2.1** Nqraw il-Minuti tal-laqgħa nru. 12(2009) u dawn ġew approvati.

**3. *Arising* mill-Minuti**

**3.1** Ma kien hemm xejn *Arising* mill-Minuti.

**4. Korrispondenza**

**4.1** Nqrat il-korrispondenza kollha pendenti.

**4.2** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Allokazzjoni Finanzjarja għas-Sena 2010 kienet tammonta għal €320,239 , żieda ta' €23,660 fuq l-allokazzjoni għas-Sena 2009/2010. Il-Viċi-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex iqabbel l-ammonti individwali ta' kif ġiet imqassma l-allokazzjoni ma' dawk attwali tas-Sena 2009.

**4.3** Is-Sur Andreas Gerdes talab li l-Kunsill jirranġa l-bankina quddiem ir-residenza tiegħu, Villa Margherita f'Triq il-Patrijiet Tereżjani. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma lis-Sur Gerdes li ma kellux oġġezzjoni jekk is-Sur Gerdes jagħmel dan ix-xogħol għas-spejjeż tiegħu, wara li jissottometti pjanti għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**4.4** Is-Sur Joseph u s-Sinjura Frances Bugeja li joqogħdu Triq il-Port Ruman bagħtu ittra bl-avvukat li fiha talbu li tinqala' siġra taż-żebbuġ li tinsab imħawwla fil-bankina quddiem id-dar tagħhom. Dan imħabba li ż-żebbuġ li jaqa' mis-siġra jtebba l-madum tal-parapett ta' darhom. Il-Kunsill qabel unanimament li jirrifjuta din it-talba.

**4.5** Ittra oħra tal-avvukat waslet mingħand Dr Brigitte Gafa' li toqgħod fi Triq l-Arznell kantuniera ma' Triq San Franġisk. Din sostniet li binta kienet qed issofri problemi serji ta' saħħa minħabba dħaħen eċċessivi kkawżati minn *heavy vehicles* jgħaddu minn Triq San Franġisk u minħabba s-*sleeping policeman* li jinsab f'Triq l-Arznell viċin il-kantuniera ma' Triq San Franġisk. Il-Kunsill qabel unanimament li jerġa' jitwaħħal is-sinjal ta' *No Entry For Heavy Vehicles* li kien jinsab fil-kantuniera ta' Triq San Franġisk u Xatt is-Sajjieda, pero' ma approvax it-talba li jitneħħa s-*sleeping policeman.*

## 5. <u>Kommunikazzjonijiet tas-Sindku</u>

**5.1** Is-Sindku nforma 'l Kunsill li fis-7 ta' Diċembru 2009 il-MEPA kienet organizzat laqgħa għall-pubbliku dwar l-EIA li kien sar dwar l-estensjoni tal-Power Station ta' Delimara. Wara din il-laqgħa, il-Kunsill, bl-għajnuna tal-Viċi-Sindku u s-Sur Arthur Ciantar, kien bagħat risposta ta' 33-il faċċata bil-kummenti tiegħu dwar dan il-propost svilupp lill-MEPA.

**5.2** Fil-25 ta' Novembru 2009, il-Viċi-Sindku, bħala rappreżentant tas-Sindku li kien indispost, kien attenda laqgħa għas-Sindki mas-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said dwar skema għall-Kunsilli Lokali li kienu lesti li jidħlu fi ftehim ta' *Public Private Partnership* sabiex isiru t-toroq li kienu għadhom iridu jsiru mill-Kunsilli. Taħt din l-iskema, il-kuntrattur li jintagħżel jaċċetta li jitħallas tul perijodu ta' għaxar snin u li waqt dan il-perijodu jkun responsabbli għall-manutenzjoni ta' dawn it-toroq. Il-Viċi-Sindku qal li kull Kunsill kellu jagħmel lista tat-toroq li kienu għadhom ma sarux fil-lokalita' tiegħu.

## 6. <u>Attivitajiet għall-Milied</u>

**6.1** Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Kunsillier Pomroy li l-Kunsill jistieden lill-President Dr George Abela għall-*Fundraising* li se jsir waqt l-attivitajiet tal-Milied nhar il-Ħadd, 27 ta' Diċembru 2009.

## 7. <u>Approvazzjoni ta' Ħlasijiet</u>

**7.1** Il-Kunsillier Grech, issekondat mill-Kunsillier Pomroy, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati dawn il-ħlasijiet :

| | | **€** |
|---|---|---|
| Alfa Co Ltd | *Storage cabinet* | 174.22 |
| Anġlu Cutajar | Tindif tal-bandli tal-Magħluq u tindif tal-*litter bins* ħdejn Binja Ħal Ġinwi 14.09.09-02.11.09 (X9) | 157.23 |
| Anġlu Cutajar | Tindif tal-bandli Ġnien Ġuże' Cassar,Ġnien il-Familja u tindif tax-Xatt 08.09.09-03.11.09 (X25) | 640.50 |
| Anġlu Grech (tal-Milord) | Konkos għall-*patching* ħdejn S Kristu17.07.09 ( 4457) | |
| Anġlu Grech (tal-Milord) | Konkos għall-bankina Triq l-Arznell 20.11.09 (0121) | 289.10 |
| Anġlu Grech (tal-Milord) | Konkos għall-bankina Triq l-Arznell 09.12.09 (0183) | 231.28 |
| Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali | Assikurazzjoni tal-flus 2010 | 63.00 |
| Carmel Mifsud | Tindif Madonna tar-Rużarju u wara l-maltemp 22.10.09 | 915.62 |

| | | |
|---|---|---|
| Carmel Mifsud | Tindif wara s-suq ta' nhar ta' Ħadd Sett 09 | 1176.41 |
| Carmel Mifsud | Tindif wara s-suq ta' nhar ta' Ħadd Ott 09 | 1176.41 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel 23.11.09 | 41.30 |
| Caruana Bros Diesel Station | Petrol għall-pompa tal-ilma | 14.00 |
| Cleansing Services Dept | Kenniesa Nov 09 | 1257.26 |
| Cleansing Services Dept | Bulky Refuse Nov 09 | 278.56 |
| Cleansing Services Dept | Latrini Nov 09 | 606.18 |
| Environmental Landscapes Consortium | Żamma tal-ġonna Nov 09 | 1030.75 |
| Frans Camilleri | Ġbir ta' skart mid-dj ar Nov 09 | 3979.34 |
| Frans Camilleri | Skip, Fortizza tas-Silġ Nov 09 | 58.23 |
| GO | 21659555, Nov 09 | 19.75 |
| GO | 21652525, Nov 09 | 285.09 |
| GO | 21650937, Nov 09 | 43.55 |
| GO | 21652392, Kera Diċ 09 | 15.11 |
| GO | 21652218, Kera Diċ 09 u Jan 10 | 11.95 |
| G4S Security | *Cash-in-transit* Nov 09 | 30.44 |
| Gemma Cuschieri | Tindif tal-Uffiċċju 9 Lulju-3 Diċ 09 (X 24) | 504.00 |
| Horace Enterprises | *Trophies* u plakek, kompetizzjonijiet tal-Milied | 194.70 |
| Intercomp | Tiswija tal-HP Laserjet Printer | 69.62 |
| Jason Gauci | *Mobile Cards* Diċ 09 | 150.00 |
| Jason Gauci | Gazzetti Nov 09 | 72.25 |
| Jordy Brincat | 4 bnadar kbar | 56.00 |
| Joseph Abdilla | Ħjata ta' bnadar tal-Kunsill | 50.00 |
| Joseph Cassar | Tqassim ta' *leaflets*"Mir-Raħal is-Sajjieda" | 82.00 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | Sinjali tat-traffiku | 76.28 |
| M.G. Pulis | Tiswija taċ-*Chain saw* | 40.62 |
| Maryrose Discount Store | *Soft drinks* u *supplies* għall-bibita tal-Milied | 110.56 |
| Nexos | *Street lighting maintenance* Ott u Nov 09 | 337.22 |
| Nexos | *Street lighting maintenance* Nov 09 | 372.87 |
| Patrick Cellars | Xorb għall-bibita tal-Milied u rigali | 410.50 |
| Roc-a-go | Skip Triq l-Arznell 30.11.09 | 54.97 |
| St Joseph Ironmongers | 8 X *Frames* | 108.00 |
| Silvan Carabott | Bukkett fjuri għall-funeral ta' Charlie Cassar | 20.00 |
| Smart Office Supplies | *Stationery* | 109.98 |
| Supreme Travel | "Mir-Raħal tas-Sajjieda" Trasport għall-Kor Russu | 362.59 |
| Vincent Camilleri | *Survey* Xatt is-Sajjieda *(*s4708*)* | 350.00 |
| Vincent Camilleri | *Survey* Triq San Franġisk/Triq l-Arznell (s7309) | 300.00 |
| Water Services Corporation | Ġnien il-Familja, dawl attwali 08.05.09 - 12.09.09 | 559.46 |
| Water Services Corporation | Winchroom, ilma attwali 08.05.09 - 12.09.09 | 83.74 |
| Water Services Corporation | Winch Room No 1, dawl attwali 08.05.09 - 12.09.09 | 146.16 |
| Water Services Corporation | Winch Room 1, dawl u ilma attwali 08.05.09 - 12.09.09 | 363.06 |
| Water Services Corporation | Winch Room 2, dawl u ilma attwali 08.05.09 - 12.09.09 | 161.76 |
| WasteServ | *Bring-in-Site Bins Ott* 09 | 296.59 |
| WasteServ | *Landfill Tipping Fees* Ott 09 | 1764.25 |
| WasteServ | *Bring-in-Site Bins* Nov 09 | 287.02 |
| WasteServ | *Landfill Tipping Fees* Nov 09 | 1764.25 |
| | **Total** | **€21753.73** |

Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

## 8. Affarjiet Oħra

**8.1** Il-Kunsill qabel li tintalab laqgħa mas-Segretarju Permanenti l-Ing Dr Chris Ciantar dwar il-proġett tat-tisbiħ tax-Xatt.

**8.2** Il-Kunsillier Pomroy ippropona li issa la tlesta l-bini fi Triq il-Kajjik fejn qabel kien hemm il-Golden Sun, din il-parti ta' Triq il-Kajjik, bejn Triq Duncan u Triq G Maniscalco, terġa' ssir *one-way* kif kienet qabel. Dan sabiex ikunu jistgħu jerġgħu jibdew jgħaddu l-karozzi tal-linja. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

**8.3** Wara li l-Kunsillier Pomroy staqsa b'liema kriterji kienu qed jinħarġu permessi għad-dħul ta' karozzi fil-Pjazza l-Madonna ta' Pompei, il-Kunsill qabel unanimament li mill-1 ta' Jannar 2010 ma joħorġux iżjed permessi għall-parkeġġ fil-pjazza u li jinħarġu biss permessi biex il-karozzi jidħlu u joħorġu.

**8.4** Il-Kunsillier Grech staqsa jekk il-Kunsill kienx bi ħsiebu jkompli jbiddel il-kaptelli miksurin tal-kaxxex tad-drenaġġ fuq il-bankini. Il-Kunsill qabel li jkompli jagħmel il-kaptelli iżda li r-residenti kellhom iqabbdu lil xi ħadd biex ibiddel il-kaptelli.

**8.5** Il-Kunsill qabel li s-Segretarju Eżekuttiv jinforma bill-miktub lill-impjegati assenjati mall-Kunsill li jridu joqogħdu għall-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom u li l-Kunsill se jitlob li jinbidlu dawk li ma jaċċettawx dawn il-kundizzjonijiet.

**8.6** Il-Viċi-Sindku tkellem dwar il-problema tal-klieb li jiġru mat-toroq. Il-Kunsill iddiskuta din il-problema ma' Ms Silvia Zammit tal-Island Sanctuary li kienet preżenti waqt din il-laqgħa. Il-Kunsill qabel unanimament li jisponsorja l-ispiża tal-qtar kontra l-briegħed għall-klieb li jiġru mat-toroq u li ssir kampanja sabiex isir program ta' *neutering* għall-klieb u qtates. Il-Kunsill qabel ukoll li jwaħħal tabelli tul Xatt is-Sajjieda biex javża li min jabbanduna l-klieb jkun qed jikser il-liġi.

**8.7** Minħabba li kienu daħlu lmenti dwar storbju matul il-lejl meta jinġabru l-iskips mingħand ir-ristoranti, il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jikkuntattja l-kuntrattur ikkonċernat u jiġbidlu l-attenzjoni għal dawn l-ilmenti.

**8.8** Minħabba li l-kontijiet tad-dawl u l-ilma tal-kmamar tal-winċijiet kienu dejjem jiżdiedu, il-Kunsill iddeċieda li jikseb dettalji dwar *Utilities Service Modules* sabiex min juża s-servizzi tad-dawl u l-ilma jħallas għall-konsum.

**9.** Il-laqgħa spiċċat fid-9.00 p.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 19 ta' Jannar 2010.

**Stephen Caruana**
**Sindku**
**Data :**

**John Restall**
**Segretarju Eżekuttiv**